MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 89

**7 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

**89.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

89.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

89.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

89.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 88 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

89.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur Owen Patrick Attard, il-minuti tal-laqgħa numru 88 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**89.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

89.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet mis-Sindku.

**89.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

89.4.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi xtaq jirringrazzja l-Kunsill f'isem il-Federazzjoni taċ-ċess għaliex it-turnament taċ-ċess kien suċċess.

89.4.2 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li ltaqa' mat-tabib tal-*health* u dan ġibidlu l-attenzjoni għall-*parking* ta' isfel. Żvolġiet diskussjoni u s-segretarju ġie mitlub idur il-kuntratti li għandna ma' l-entitajiet li joffru servizzi miċ-ċentru ċiviku ħalli permezz ta' *bollards* jiġi organizzat isfel.

**89.5 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

88.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport tal-bord ta' evalwazzjoni dwar BLC11-2018 (*Tender for the Mechanical and Electrical Works as part of the Birkirkara Old Railway Station Museum Project*). Il-bord iddeċieda li minn ħames konkorrenti, it-tender jingħata lill-irħas wieħed, GMC Malta għall-ammont ta' 64,824.28euro. Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

**89.6 *Performance Appraisals* Staff**

89.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill l-*performance appraisals* tal-membri ta' l-istaff fejn dan issuġerixxa l-massimu lil kull membru. Filwaqt illi s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qablet ma' din il-proposta, madankollu rrimarkat illi mhux l-ħaddiema kollha jimbuttaw l-istess. Qed ikollha rapporti illi l-istaff mhux dejjem jikkopera mal-pubbliku. Huwa veru illi xi kultant hemm nies li jippretendu kollox mill-kunsill imma aħna qegħdin hawn biex naqdu n-nies u anke jekk ma jkunx fir-*remit* tagħna għandna nispjegaw. Hija avżat illi jekk ikollha rapporti fuq individwi fl-istaff li ma jkunux ħadmu sew man-nies, ittellgħahom Kunsill.

89.6.2 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi għandha tinħareġ *policy* illi meta jinqabad it-telephone, il-membru ta' l-istaff jidentifika lilu nnifsu. Kulħadd qabel dwar dan.

89.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal illi min għad għandu problema ta' *customer care* jintbagħtu *courses*.

**89.7 *Performance Appraisal* Segretarju Eżekuttiv**

89.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn issuġġeriet massimu ta' 10% għax-xogħol li sar. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**89.8 Ftehim Ta' Monita - Stazzjon**

89.8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ġie xi ħadd quddiemha li qal li xtara r-Roxy u li n-nies se jkunu jistgħu joħorġu mill-istazzjon. Hi qaltlu li ma jistax ikun għax kif il-kunsill se jikkontrolla min se jidħol u joħroġ f'kull ħin. Iżda hu qalilha li hekk kien xtrah. Is-Sindku qalet li safejn tiftakar hi kellu jsir *childcare* imma mbagħad irrevokaha l-president. Hi qalet li xtaqet li jkun hawn l-eks Sindku l-Kunsillier Michael Fenech Adami biex jikkjarifika. Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal li hu jiftakar li s-servitu kien biss fuq twieqi li jagħtu fuq l-istazzjon. Għadd ta' kunsilliera li servew f'leġislaturi passati qablu ma' dan. Żvolġiet diskussjoni u finalment ġie deċiż li s-Segretarju juri l-fethim li kien sar f'Marzu tal-2013 biex l-avvukat tal-Kunsill iqabbad nutar jagħmel ir-riċerki.

**89.9 Kontijiet bankarji li se jingħalqu**

89.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm kontijiet bankarji antiki tal-Kunsill li ma għadhomx jintużaw. Fosthom 4 mal-bank APS, 2 mal-BOV u 1 HSBC. Dawn kienu kontijiet antiki li ġeneralment kienu jinfetħu minħabba proġetti ERDF jew fondi oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq talba tal-*accountant*, minħabba li l-banek se jibdew jiċċarġjaw flus għal kontijiet inattivi, kif ukoll minħabba xogħol żejjed relatat ma' rikonċiljazzjoni etċ, kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn jingħalqu. Kien hemm qbil li dawn il-kontijiet bankarji jingħalqu.

**89.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 68**

89.10.1 L-iskeda ta' pagamenti numru 68 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech sekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

**89.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

89.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 11 ta' Frar 2019 fis-6pm.

Konfermati, illum 11 ta' Frar 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |